**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 55/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 23 ta' Novembru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fl-24 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2000, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors markati Dok. "DG01" sa' Dok. DG03" a fol. 2 sa' 5 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2000 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima in kwistjoni; (ii) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut kontestati ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; u (iii) mhux minnu li r-Rikorrent ma nghatax smigh xieraq waqt l-istadju ta' oggezzjoni in kwantu saru diversi laqghet mar-Rikorrent u r-rapprezentant tieghu Edward J. Zammit, izda baqghu ma nghatawx spejgazzjonijiet oltre dawk li già kienu nghataw qabel il-hrug ta' l-istima originali u ghalhekk dik l-istima giet ikkonfermata fl-istadju ta' oggezzjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 13 sa' 18 tal-process;

Ra d-diversi verbali fejn hemm verbalizzat illi dawn il-proceduri mixjin flimkien mal-proceduri bir-Rikors Nru. 53/11VG ukoll fl-ismijiet "Emmanuel Degarbiele v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" u fid-dawl ta' dan il-provi u dokumenti esebiti fl-imsemmija proceduri jikkostitwixxu prova f'dawn il-proceduri ukoll;

Ra l-affidavit ta' Neil Piccinino in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Novembru 2011 a fol. 29 sa' 35 tal-process, sema' x-xhieda moghtija minn Neil Piccinino in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012, sema' x-xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduti tat-12 ta' April 2012 u tal-25 ta' Gunju 2013 u ra d-dokument esebit waqt l-imsemmija seduta tal-25 ta' Gunju 2013 markat Dok. "SM1" a fol. 142 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, sema' x-xhieda ta' Edward Zammit moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Ottubru 2012, tad-29 ta' Ottubru, tas-7 ta' Jannar 2014 u tal-11 ta' Frar 2014 2013 u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru a fol. 157 sa' 212 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, ra l-affidavit ta' Carmel Gatt u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 2014 a fol. 234 sa' 350 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, sema' ix-xhieda ta' Carmel Gatt, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2014 u tat-12 ta' Jannar 2015 u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014 markati Dok. "CG1";

Ra l-file/files tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattivi ghar-Rikorrent esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Lulju 2012;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tar-Rikorrent u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11 a fol. 382 sa' 399 ta' dak il-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2000 in forza ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma komplessiva ta'

**€34,759** rapprezentanti taxxa, taxxa addizzjonali w imghax[1]. Huwa jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni u l-Avviz ta' Rifjut ma inhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 harget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh li qed jghid il-Kummissarju; (iv) il-kalkoli tal-Kummissarju huma ghal kollox zbaljati u bbazati fuq premessi hziena; (v) ma inghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; u (vi) ir-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2000 u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima in kwistjoni; (ii) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut kontestati ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; u (iii) mhux minnu li r-Rikorrent ma nghatax smigh xieraq waqt l-istadju ta' oggezzjoni in kwantu saru diversi laqghet mar-Rikorrent u r-rapprezentant tieghu Edward J. Zammit, izda baqghu ma nghatawx spejgazzjonijiet oltre dawk li già kienu nghataw qabel il-hrug ta' l-istima originali u ghalhekk dik l-istima giet ikkonfermata fl-istadju ta' oggezzjoni.

It-Tribunal jibda billi josserva li l-ewwel aggravju li ghandu jigi kkunsidrat u trattat huwa l-aggravju li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2000 inharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikolu 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm mill-verbali jirrizulta li t-Tribunal sema' il-provi dwar dan l-aggravju partikolari, ma jirrizultax li l-istess aggravju gie deciz b'mod definittiv, u ghalhekk, jigi ribadit, ghandu jigi trattat u determinat f'din is-sentenza qabel ma jigi trattat il-mertu *proprio* ta' l-appell.

Fil-kuntest ta' dan l-aggravju ghalhekk jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huwa l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-Artikolu 30 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta japplika fil-kuntest ta' stimi ghal snin ta' stima li jigu qabel is-sena ta' stima 1999. L-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u* ***mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien***

[1] Fol. 340 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, esebita bhala dokument flimkien ma' l-affidavit ta' Carmel Gatt.

***intbaghat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena***[2] *jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ghal dik is-sena.*

Mill-provi prodotti u senjatament mill-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent u mill-affidavit ta' Carmel Gatt in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[3], jirrizulta li ghalkemm ir-Rikorrent kien baghat il-prospett tat-taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2000 fl-14 ta' Gunju 2000[4], fit-28 ta' April 2004 huwa kien accetta li jimla formoli ta' aggustament *inter alia* ghas-sena ta' stima 2000. Fir-rigward Carmel Gatt iddikjara li *l-investigazzjoni fuq id-dhul ta' XXX, bin-numru tal-Karta ta' l-Identità 226154(M), bdiet fit-9 ta' April 2004, permezz ta' Avviz ta' Verifika. … Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni beda l-verifika tieghu fuq id-dhul ta' l-appellant ghar-raguni li, skond informazzjoni pprovduta minn banek lokali, fis-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 huwa qala' imghaxijiet fuq depoziti f'kontijiet bankarji li kellu gewwa Malta u li fuqhom ma kinetx inqatghet taxxa f'ras il-ghajn (withholding tax) u liema imghaxijiet ma gewx dikjarati bhala dhul fil-formoli tat-taxxa tieghu ghall-istess snin ta' stima. Fl-istess gurnata ntbaghtet ittra ohra lil XXX li permezz taghha inghata appuntament ghat-28 ta' April 2004 … u matul din il-laqgha huwa gie infurmat li kellu imghaxijiet fuq kontijiet bankarji gewwa Malta li ma gewx iddikjarati fil-formola tat-taxxa tieghu. Fl-istess laqgha huwa gie ukoll mitlub jipsjega l-qabza sostanzjali li kellu fl-imghax fuq kontijiet bankarji lokali bejn is-sena ta' stima 1999 (Lm3,704) u s-sena ta' stima 2000 (Lm6,856). Huwa spjega li f'dik is-sena kien gab xi flus minn barra minn Malta biex juzahom bhala kapital ghall-kumpanija tieghu XXX Duty Free Supplies Ltd. u bhala prova ta' dan huwa pproduca kopja ta' certifikat ta' trasferiment datat 20 ta' Mejju 1998 fl-ammont ta' 713,728,528 Liri Taljani liema ammont gie kkalkulat li huwa l-ekwivalenti ghal Lm164,220 mill-accountant tieghu … Fl-istess laqgha tat-28 ta' April 2004 XXX accetta li jimla l-formoli ta' aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 u inkluda l-imghax fuq id-depoziti li kellu f'kontijiet bankarji lokali f'dak il-perijodu… (kopji tal-formoli ta' aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2003 gewipprezentati ma' l-affidavit ta' Neil Piccinino tal-25 ta' Novembru 2011[5])*[6].

Mill-formula ta' aggustament in kwistjoni jirrizulta li r-Rikorrent iffirma l-istess fl-4 ta' Mejju 2004 u ghalhekk se mai huwa minn dakinhar li ghandu jibda jiddekorri t-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Likwidazzjoni ta' Taxxa originali ghas-sena ta' stima 2000 inharget fis-6 ta' Ottubru 2006[7] u zgur giet notifikata lir-Rikorrent sat-28 ta' Ottubru 2006 ghaliex f'din id-data huwa ssottometta l-oggezzjoni tieghu

[2] Enfasi tat-Tribunal.
[3] Esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fis-17 ta' Marzu 2014 fir-Rikors fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, fol. 234 sa' 350 ta' dak il-process.
[4] Red 1 fil-file 1 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[5] Il-formula ta' aggustament ghas-sena ta' stima 2000 tinsab markata Dok. "C" a fol. 34 u 35 ta' dan il-process.
[6] Tinsab ukoll f'Red 8 fil-file 1 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[7] Dok. "DG01" a fol. 2 u 3 tal-process.

mill-imsemmija stima[8]. B'hekk jirrizulta b'mod car li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 giet notifikata entro t-terminu ta' hames snin kif prefiss fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza ghalhekk li l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ma nhargitx *fuori termine* kif pretiz mir-Rikorrent.

In vista ta' dan appena osservat jirrizulta li l-ewwel aggravju tar-Rikorrent fuq liema jibbaza l-appell tieghu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Trattat dan l-aggravju preliminari, it-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000, fil-mertu.

Mill-provi prodotti u mill-atti processwali jirrizulta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 inharget fil-konfront tar-Rikorrent in bazi ghal *Capital Accretion Exercise* mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-perijodu mill-mill-31 ta' Dicembru 1993 sat-30 ta' Settembru 2005. In bazi ghal dan il-*Capital Accretion Exercise* rrizulta li bejn il-31 ta' Dicembru 1993 u t-30 ta' Settembru 2005, ir-Rikorrent kellu akkrexximent fil-kapital ammontanti ghal Lm592,607, li wara li tnaqqsu *possible savings* kif determinati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' Lm51,830 irrizulta akkrexximent ta' Lm540,777 li wara li tnaqqas minnu l-ammont ta' Lm275,027 rapprezentanti fondi registrati f'Registration Scheme u l-ammonti ta' Lm57,500 u Lm164,220 rapprezentanti rispettivament *remitted capital in 1995* u *1998*, irrizulta *unexplained income ta'* Lm51,030, li maqsum fuq sitt snin (in kwantu rrizulta li l-akkrexximent sehh l-iktar bejn is-snin ta' stima 2000 sa' 2006) irrizulta dhul taxxabbli ta' Lm8,505 fis-sena[9].

Ir-Rikorrent jikkontesta dan il-*Capital Accretion Exercise* in bazi ghal zewg argument centrali: (i) ol-*Capital Accretion Exercise* huwa essenzjalment vizzjat u zbaljat u ma setghax jinhadem kif inhadem; u (ii) fi kwalunkwe kaz, l-investimenti registrati mir-Rikorrent fl-Investment Registration Scheme qatt ma setghu jitqiesu bhala dhul taxxabbli ta' l-istess Rikorrent in kwantu huwa già kien hallas it-taxxa kollha dovuta fuqhom mar-registrazzjoni.

Fir-rigward tal-*Capital Accretion Exercise* Edward Zammit, ix-xhud principali tar-Rikorrent, xehed hekk: *on the basis of that* [ossia l-formuli ta' aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001] *bdew hergin assessments wiehed wara l-iehor u ovvjament meta rcieva kont imbaghad li tela' sostanzjali, imbaghad that's where he came to my office. Id-diskussjonijiet kollha kienu koncernati ghall-perjodu ta' snin li d-dipartiment iddecieda li jrid jaghmel back duty exercise, minghalija, bl-amment qed nitkellem, minghalija 1994 sa' xi 2005, ma nafx, I stand to be corrected*

[8] Dok. "DG02" a fol. 4 tal-process.
[9] Vide affidavit ta' Carmel Gatt esebit fis-17 ta' Marzu 2014, a fol. 234 sa' 350 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 153/11.

*hawnhekk. Jien nista' ngib il-files u tarawhom, fejn litteralment imbaghad gie analizzat l-income tieghu x'iddikjara, x'dahhal, anke min-naha ta' flejjes li gew repatriated u l-ispejjez tieghu, is-soltu jigifieri. Wara li sar dan l-exercise wehilna, fejn fis-sens li d-dipartiment jghid haga u jien personlament kont nghid Mr. XXX, no, this is not correct. Il-back duty exercise kif inhadem mid-dipartiment u kif jien hdimtu ma konniex qed naqblu u ma konniex qed naqblu mhux ghall-figuri biss imma anke l-bazi kif qed jinhadem dan il-back duty exercise huwa skorrett fl-opinjoni tieghi u kont ghedtlu din u spjegajt anke lill-assessur, at the time kien hemm Marvin Gaerty, u kien assistit minn xi hadd iehor. Ghidtlu I'm sorry, no.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal: *ghaliex ma kontx qed taqbel maghhom? X'kienu qed jaghmlu hazin fl-opinjoni tieghek?* Edward Zammit iddikjara *ghaliex ma kinitx kwistjoni ta' l-income. Il-kwistjoni ta' x'dahhal, x'ircieva, qatt ma baqghet tigi attakkata jew indirizzata. L-ispejjez, hemmhekk l-ispejjez u l-ispejjez gew spjegati minn bank accounts, mic-cheques li hargu, mill-credit cards li ntuzaw però id-dipartiment ried jasal fejn ried jasal li ezattament ma nafx, sa' llum ma nafx. Biss il-back duty exercise, jien kont indikajt car illi l-bazi fuq xiex qed jinhadem ma tistax thallat 2 bazi flimkien, jigifieri back duty exercise ma jistax ikun qatt ibbazat fuq xi haga li hija stima jew projection imma trid tkun fuq bazi cash, jigifieri jekk bniedem ghandu salarju u dan is-salarju jaqla' 10,000 f'sena, 10,000 ghandu x'jonfoq dan, la iktar u lanqas inqas. Jigifieri ma tistax tigi taghmilli figuri provizjonarji, tghid le imma dan nefaq 20,000 imma ok, minn fejn? Jekk kellu 10,000 kif seta' nefaq 20,000? Jiena fl-opinjoni tieghi, il-kaz ta' Mr. XXX, kull spiza li kellu kienet accounted for. … Il-feeling kien li kien qed jaqbad dejjem mal-flus li kellu fl-investimenti barra li kienu qed jigu trasferiti Malta u somehow riedu jindikaw li l-imghaxijiet li ggeneraw dawn kienu iktar. Meta fil-fatt l-imghaxijiet kienu cari, they were there u iddikjarahom. L-imghaxijiet gew dikjarati fil-bidu. … l-imghax kienu kollu taxed at source, ghalkemm xorta dawn qalulhom, but it was all taxed at source, jigifieri ma kellux obbligu jiddikjarah dan. Jigifieri fl-ahhar spiccajna, I will get you a series of emails fil-fatt fuq din il-bicca xoghol, li jiena ghedtilhom li l-imghax kollu gie iddikjarat anke jekk ma kellux ghalfejn jiddikjarah ghax kien sofra t-taxxa at source, id-dokumenti kollha juru li kien hemm tax at source fuqu dan l-imghax*[10].

In kontro-ezami Edward Zammit iddikjara ulterjorment illi *Mr. XXX ghamel zmien twil mhux residenti ta' Malta, kien jghix l-Awstralja, il-fatt li hu kien jghix l-Awstralja u ma baqax residenti ta' Malta, l-income li qala', jew qala' x'qala' barra minn Malta, ma kienx suggett ghat-taxxa Maltija. Tant hu hekk li hu kien l-Awstralja, Malta lanqas biss kien jimla tax return, nothing. Jien ghedt hekk ukoll ghaliex, ghax meta gie Malta dana r-ragel dahal ukoll fl-iskema li l-isem taghha hu Investment Registration Scheme, tant kien premoruz, biex jekk kellu jiddikjara xi haga, li kieku kellu value, dahal fl-iskema u hallas it-taxxa and with that scheme he was protected, kien protett*

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012.

*b'dik il-ligi, tant li l-ligi stess tipprovdi li jekk anke fil-passatt isib li kien hemm, il-ligi stess tipprotegih, maghluq. It's as far as the scheme, it was a closed case, u meta jien ghedt li ma kellux ghalfejn jiddikjara kienet din ir-raguni ghax ma kienx residenti ta' Malta. … Id-dhul li meta kien l-Awstralja qatt ma gejna mitlubin nipproducu xi dokument ta' x'qala' l-Awstralja, id-dokumentazzjoni li ried id-dipartiment u inghatat ghax it-tax payer ried hafna li jikkoopera, però l-iskema fil-verità kienet tipprotegih digà, però d-dokumenti kollha naghatw li kellu investiment fl-Awstralja dan, il-flus li akkumula kienu kollha f'banek l-Awstralja li eventwalment dawn gew kollha kemm huma ddikjarati taht l-iskema ta' din ir-registration scheme, bl-amment ma nafx imma kien hemm xi three or four certificates u fuq kull wahda hallas it-taxxa li kienet skond l-iskema. … l-affari qieghed hawn, is-sena ta' meta gie Malta jien ezatt ma nafhiex, però sa' year of assessment 2006, jigifieri sa' meta dan il-bniedem dahal fl-Investment Registration Scheme, his case was really closed, kienx residenti jew le, ladarba dahal fl-iskema, l-iskema stess tipprotegih, that's about it in my opinion.* In risposta ghall-mistoqsija: *però l-iskema hija fuq l-assets, ma jfissirx li l-income dahal ukoll hemm fiha, jigifieri meta ghamlulu l-accretion naqqsulu dak li kien hemm fir-registration scheme?* Edward Zammit iddikjara *appuntu u hemm fejn jien oggezzjonat u ghedtilhom li dawk il-flus li hemm fir-Registration Scheme m'humiex flus li gew minn Malta, dawk huma flus li s-Sinjur XXX qalahom barra ghax kienu investiti u jien fil-capital accretion exercise ghedtilhom car u tond li dak ma tistax tiehdu bhala income imma kapital. … Dan il-kaz qieghed jattakka, fl-opinjoni tieghi, car u tond l-iskema li kien hareg il-Gvern way back, this is my opinion, jigifieri allahares issa ser nispiccaw li dan il-bniedem li dahal fl-iskema u minn jaf kemm hawn nies li ghamlu hekk f'Malta, biex jiddikjaraw l-assi taghhom li forsi kellhom ghalfejn jidddikjarawhom f'Malta, dahlu fiha u ghamlu li ghamlu u hallsu t-taxxa, issa jekk din l-iskema mhux tipprotegi d-dritt ta' taxpayer li tghidlu l-iskema innifisha li m'ghandux ghalfejn jaghti sodisfazzjoni lil hadd fuq dak li ddikjara, I mean, allura ha naslu f'punt li l-iskema ghalfejn hallasha dan, ghalfejn hallasha it-taxxa dan*[11].

Wara li esprima ruhu f'dan ir-rigward dwar l-*Capital Accretion Exercise* mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Edward Zammit gie mistoqsi jekk kienx konxju mill-fatt li fil-*Capital Accretion Exercise* ghall-fini li jigi determinat l-*underdeclared taxable income* tar-Rikorrent, l-investimenti registrati fl-Investment Registration Scheme gew imnaqqsa, u huwa rrisponda *mhux hekk kien hemm miktub fl-email ta' Ms. Spiteri, ghadni ma rajt l-ebda dokument fejn jghid li dawn il-flus ma gewx ikkunsidrati bhala income* u sahaq ukoll li huwa qatt ma ra l-*Capital Accretion Exercise* mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi[12].

[11] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2014.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2014.

Minn ezami ta' l-e-mail ta' Ruth Spiteri li jaghmel referenza ghaliha Edward Zammit, ossia l-e-mail datata 27 ta' Mejju 2010, esebita mill-istess Zammit mad-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013[13], it-Tribunal ma jistax jasal ghall-istess konkluzzjoni li wasalha ghaliha Edward Zammit vis-à-vis il-kontenut ta' dik l-istess e-mail. Fl-imsemmija e-mail Ruth Spiteri tghid *having considered your explanations given during the meetings held and having analysed the correspondence received by your client and yourself, the department is still of the opinion that the income registered under the Registration Scheme* ***does not constitute part of the capital included in the capital accretion exercise. This means that the income registered under the Registration Scheme cannot be deducted from our workings and an unexplained increase in capital is still outstanding***[14]. Fil-fehma tat-Tribunal dak li qed tghid Ruth Spiteri essenzjalment huwa li mill-ammont ta' *underdeclared taxable income* tar-Rikorrent kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jitnaqqas l-ammont ta' l-investimenti registrati fl-Investment Registration Scheme ghaliex dak l-ammont hekk registrat fl-Investment Registration Scheme ma kienx jikkostitwixxi parti akkrexximent fil-kapital kif mahdum mill-Kummissarju u b'hekk mhux inkluz bhala parti mill-*underdeclared taxable income* tar-Rikorrent hekk determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Bhala fatt mill-*workings* tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jirrizulta li dan huwa appuntu l-kaz. Mid-dokument Dok. "GV1" esebit minn Carmel Gatt, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014 jirrizulta li ghalkemm fl-assi tar-Rikorrent *as at 30.09.2005* hemm indikat l-ammont ta' Lm275,027 rapprezentanti investimenti registrati taht Registration Scheme, dan l-istess ammont tnaqqas mill-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent bejn il-31 ta' Dicembru 1993 u t-30 ta' Settembru 2005, b'dana ghalhekk li din is-somma ta' Lm275,027 ma kenitx inkluza fil-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta' *undeclared taxable income* tar-Rikorrent. Di fatti kieku l-konteggi mahduma mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kellhom jigu kalkolati minghajr l-ebda accenn ghall-valur ta' l-investimenti registrati fir-Registration Scheme, ossia mhux l-ewwel jigu inkluzi w imbaghad jergghu jitnaqqsu imma addirittura ma jiffiguraw bl-ebda mod, il-figura ta' *net unexplained income* tigi l-istess, ossia ta' Lm262,750, li hija l-figura rizultanti qabel it-tnaqqis ulterjuri ta' l-ammonti ripatrijati f'Malta fl-1995 u fl-1998, liema figura wara tali tnaqqis tat *unexplained taxable income* ta' Lm51,030.

Minn dan kollu hawn appena osservat jirrizulta bl-iktar mod car li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent tramite x-xhud Edward Zammit, il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux qed jinkludi u jiehu l-valur ta' l-investimenti registrati mir-Rikorrent fl-

[13] Fol. 157 sa' 212 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11, u l-email in kwistjoni tinsab a fol. 195 ta' dak il-process.
[14] Enfasi tat-Tribunal.

Investment Registration Scheme bhala dhul issa taxxabbli tar-Rikorrent u ghaldaqstant, tali ammont ta' investimenti mhux qed jigi intaxxat darbtejn.

Ghal kull buon fini t-Tribunal josserva li ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jaghti *ad intendere* li hemm xi haga sinistra ghaddejja da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghaliex il-*workings* tad-Dipartiment u b'mod specifiku l-*workings* markati Red 20a esebiti minn Carmel Gatt waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014, setghu ma gewx moghtija lir-Rikorrent u/jew lil Edward Zammit fl-istadju ta' verifika u/jew oggezzjoni, dana assolutament ma huwiex il-kaz. In effetti kif gustament osservat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fin-Nota Responsiva tieghu[15], meta wiehed iqis kemm il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 mahruga fis-6 ta' Ottubru 2006 u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghal dik l-istess sena ta' stima mahruga wara r-rifjut, ossia fis-27 ta' Jannar 2011, jirrizulta li l-figura determinata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala ammont ta' taxxa dovut baqa' l-istess. B'hekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma biddilx u mhux qed ibiddel l-ebda figuri u/pretensjonijiet fil-konfront tar-Rikorrent vis-à-vis is-sena ta' stima 2000, kif donnu invece minnu pretiz.

Stabbilit li l-*Capital Accretion Exercise* mhux qed iqis il-valur ta' l-investimenti registrati taht l-Investment Registration Scheme bhala dhul issa taxxabbli tar-Rikorrent u b'hekk ir-Rikorrent mhux qed jigi ntaxxat darbtejn, jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni l-ohra sollevata mir-Rikorrent b'kontestazzjoni ghal dan il-*Capital Accretion Exercise* u cioè il-mod kif dan inhadem u l-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ffoka l-iktar fuq is-snin ta' stima 2000 sa' 2006.

Jibda biex jinghad li kemm mix-xhieda ta' Carmel Gatt kif ukoll mid-dokumenti kollha esebiti – inkluzi dokumenti forniti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mir-Rikorrent stess – jirrizulta bl-iktar mod car li l-*Capital Accretion Exercise* huwa mahdum fil-maggor parti tieghu – ossia fir-rigward ta' kollox hlief ghal *living expenses* – fuq dikjarazzjonijiet u informazzjoni moghtija mir-Rikorrent stess. In kwantu rigwarda l-*living expenses* li rrizulta li huma l-unici figuri ibbazati fuq assunzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema figuri fil-fehma tat-Tribunal jidhru li huma ragonevoli, l-istess Rikorrent ma ressaq l-ebda prova – tenwa kemm hi tenwa – li b'xi mod turi li l-Kummissarju ghamel determinazzjoni ezagerata fir-rigward. Ir-Rikorrent invece jishaq hafna – u dana kif johrog car mill-kontro-ezami ta' Carmel Gatt waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014 – fuq il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ottjena certa informazzjoni dwaru minn *Data Warehouse* tat-Tax Compliance Unit li, rrizulta li huwa *software* li jigbor f'rapport wiehed l-informazzjoni li jkollu l-Gvern dwar persuna jew entità.

Fir-rigward ta' din l-informazzjoni Carmel Gatt iddikjara li *d-differenza ta' Lm10,000 imsemmija fil-paragrafu tnax* (ossia fejn kien iddikjara li l-

[15] Fol. 382 sa' 399 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 53/11.

*undeclared taxable income* tar-Rikorrent gie rivedut minn Lm41,030 ghal Lm51,030) *harget mill-kalkolu tal-Possible Savings kif jidher minn Dok. I2 u Dok. I5. Waqt li f'Dok. I2 il-figura deskritta bhala 'gain on sale of residence' hija dik ta' Lm32,000, f'Dok. I5 tidher bhala Lm22,000. Fil-kalkolu originali d-Dipartiment qaghad fuq figura li kienet ipprovduta mill-accountant fil-kalkoli tieghu in fatti, f'Dok. J3 l-ammont ta' 'gain on sale of own residence' jidher bhala Lm32,000. Sussegwentement id-Dipartiment irriveda l-figura tal-bejgh (Lm40,000) skond informazzjoni pprovduta mid-Data Warehouse tat-Tax Compliance Unit (Dok. I3), waqt li ghall-valur inizjali (Lm18,000) uza l-figura li kien pprovda l-accountant ta' XXX (Dok. J1). Nghid li d-Data Warehouse hija software li jigbor f'rapport wiehed l-informazzjoni li jkollu l-Gvern dwar persuna jew entità*[16]. Kif già iktar 'l fuq osservat, waqt il-kontro-ezami ta' Carmel Gatt[17] id-difensur tar-Rikorrent donnu jpoggi fid-dubju l-legittimità ta' l-uzu ta' tali informazzjoni tant illi ghall-osservazzjoni tad-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi li *skond ghalfejn uzaha f'din l-investigazzjoni hija relevant imma mhux kif tinzamm l-informazzjoni,* huwa rrimarka *u kif inzammet l-informazzjoni, kif qed tintuza fil-kors ta' kaz. … fi Franza kien hemm gurisprudenza fuq dawn it-tip ta' techniques, allura wiehed irid jiara x'garanziji kien hemm fiz-zamma ta' l-informazzjoni. Wiehed irid jara sew.*

Fil-fehma tat-Tribunal l-uzu ta' l-informazzjoni dwar ir-Rikorrent mid-*Data Warehouse* tat-Tax Compliance Unit da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kors ta' l-investigazzjoni fil-konfront ta' l-istess Rikorrent, fil-kaz in kwistjoni ma fiha xejn anomalu u zgur ma hemmx dubju dwar il-legittimità taghha. Di fatti din l-informazzjoni giet utilizzata **biss** biex jigi determinat il-prezz **attwalment dikjarat** fl-att ta' trasferiment ghat-trasferiment tar-residenza tar-Rikorrent fi Triq Geraldu Spiteri, Luqa. Skond il-konteggi imhejjija mill-accountant tar-Rikorrent tali proprjetà, li in segwitu giet mibjugha fl-2005, giet dikjarata ghall-prezz ta' Lm18,000 *as at 31st December 1994*. Bhala *gain on sale of own residences* gie dikjarat – fl-2005 ossia s-sena meta l-fond gie trasferit – l-ammont ta' Lm32,000. Madanakollu però mid-*Data Warehouse* tat-Tax Compliance Unit relattivament ghal *Property Transfers (Inter Vivos only)* irrizulta li l-fond in kwistjoni giet trasferit ghall-valur ta' Lm40,000 b'dana ghalhekk li l-qligh mill-bejgh kien effettivament Lm22,000 kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux ta' Lm32,000 kif erronejament kalkolat mill-accountant tar-Rikorrent. Kemm-il darba, skond ir-Rikorrent, din l-informazzjoni li kellu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kenitx korretta huwa seta' facilment ipprovda l-kuntratt ta' trasferiment in kwistjoni minn fejn jirrizulta l-prezz tat-trasferiment izda, ghal ragunijiet li jaf hu biss dan baqa' ma ghamlux. Fin-nuqqas ta' tali prova da parte tieghu, ir-Rikorrent difficilment jista' jirnexxi fil-kritika tieghu ghall-uzu da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'dan il-kaz u ghal dan l-iskop

[16] Affidavit ta' Carmel Gatt ipprezentat fis-17 ta' Marzu 2014.
[17] Seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014.

partikolari, ta' l-informazzjoni dwar it-trasferimenti esegwiti minnu li tirrizulta mid-*Data Warehouse* tat-Tax Compliance Unit.

Ir-Rikorrent jattakka wkoll il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kklassifika, u b'hekk ikkoncentra, l-akkrexximent fil-kapital tieghu minnu ravvizat bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006.

In kontro-ezami w in risposta ghall-mistoqsija dwar kif gie kalkolat u allokat il-*Captial Accretion Exercise*, jew ahjar ir-rizultat ta' tali ezercizzju, Carmel Gatt iddikjara *mela ahna qed nghidu illi kien hemm perjodu ta' snin fejn l-assessment taghna nhareg a bazi ta' kalkolu mhux accretion imma a bazi ta' kalkolu ta' x'kellu depozitat fl-Awstralja f'dan il-kaz waqt li hu kien residenti f'Malta ghaliex niftakru kien gab mill-Awstralja waqt li kien residenti hawn zewg somom mill-Awstralja (zewg ammonti). Id-dipartiment kien irraguna illi galadarba dawn kienu gol-Awstralja u hu kien qieghed hawn, ovvjament dan kien qed jaqla' l-imghax fuqhom. Mela ghamel kalkolu d-dipartiment dwar dan l-imghax kemm seta' kien. Issa ma stajniex inkunu nafu precizament kemm kien l-imghax ghaliex hu ma kienx gabilna bank statements. Ahna hadna minghalija five percent imghax. Jigifieri dak kien, issa li ghadhom taht appell hemm sentejn biss minnhom, jigifieri minghalija is-sena 1998 u s-sena 1999, snin ta' stima*[18]. ***Ghas-snin ta' stima l-ohrajn mis-sena 2000 sa' l-ahhar, dak inhadem fuq l-accretion exercise***[19].

In vista ta' din ir-risposta d-difensur tar-Rikorrent staqsa *issa kif tista' tispjega allura illi l-accretion grat bejn is-sena 1997 u s-sena 2005 u mhux bejn is-sena 1990 u s-sena 1997?* u Carmel Gatt wiegeb li skond kalkolu li sar, liema kalkolu gie minnu esebit bhala parti mid-dokument Dok. "CG1" waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014, irrizulta li l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent sehh maggorment tul is-snin ta' stima 2000 sa' 2006. Fir-rigward u b'referenza ghad-dokument Dok. "CG1", Carmel Gatt xehed *l-ewwel faccata fejn qed tidher 20A, dik hija kopja mill-file, hemm kalkoli bil-lapes jew bil-biro kif kienu. Jiena ppruvajt ghamilthom type written fil-faccata li jmiss biex wiehed ikun jista' jifhem ahjar il-kalkolu kif sar. Hawnhekk juri, ara ghandek l-ewwel kolonna kif kienet il-posizzjoni tieghu fil-31 ta' Dicembru tas-sena 1993, il-posizzjoni fl-ahhar ta' Dicembru tas-sena 1998 u l-posizzjoni fl-ahhar ta' Settembru tas-sena 2005. Issa dan l-accretion exercise mqassam fuq dawn il-perjodi. Issa fl-ahhar tat-tieni kolonna, taht jigifieri l-ahhar ta' Dicembru tas-sena 1998, jidher li l-accretion li ma kienx spjegat, ghall-inqas ghad-dipartiment ma kienx spjegat, kien ta' elf u erba' mitt Lira. Mela l-bulk tal-wiehed u hamsin elf li qed nghidu ahna li kien hemm, giet fl-ahhar sitt snin jigifieri a bazi fuq dan il-kalkolu li d-dipartiment kkalkulaha din*[20].

---

[18] Snin ta' stima mertu tar-Rikorsi bin-Numri 53/11 [prezentement pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)] u 54/11, pendenti quddiem it-Tribunal sakemm jigi determinat l-appell mis-sentenza moghtija fir-Rikors 53/141.

[19] Dawn il-proceduri u r-Rikorsi bin-Numri 56/11 sa' 60/11. Enfasi tat-Tribunal.

[20] Kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2017.

In segwitu ghal din l-ispjegazzjoni segwiet is-segwenti botta u risposta bejn id-difensur tar-Rikorrent u Carmel Gatt: *Dr. Robert Attard: Jigifieri kif tista' teskludi mija fil-mija illi l-accretion ma garax bejn is-sena 1990 u s-sena 1997? Xhud: Ha nibda minn hawn. Mija fil-mija impossibbli wiehed jghid. Wiehed irid jimxi a bazi tal-figuri li jkollu disponibbli ghalih id-Dipartiment. Dr. Robert Attard: Issa d-dipartiment, il-figuri tieghu minn fejn gabhom? Xhud: Id-dipartiment il-figuri tieghu gabhom, il-parti l-kbira minnhom mill-istatement of affairs li kien ipprezentalna r-Rikorrent. Dana qed jigi indikat f'Dok. I4 ta' l-affidavit* [ta' Carmel Gatt] *illi juri l-posizzjoni fl-ahhar ta' Settembru tas-sena 2005, il-bulk taghhom gew minn hemm. Kien hemm xi erba' ammonti ohra li kien tahomlna l-accountant tar-rikorrent, is-Sur Zammit u kien hemm imbaghad ohrajn illi kienu a bazi ta' per ezempju x'hallas bolol, x' iddikjara income tax, x'iddikjara imghaxijiet ecc. Jigifieri bazikament jidhru li huma sodi dawn il-figuri. Dr. Robert Attard: Jigifieri nghid sewwa imma, issa inti qed tixhed mhux min ghamel ix-xoghol, illi ma tistax teskludi imma illi l-akkrexximent fil-verità seta' gara bejn is-sena 1990 u s-sena 1997 mhux is-sena 1997 u s-sena 2005? Xhud: A bazi ta' l-informazzjoni li ghandna jidher illi l-akkrexximent sar lejn l-ahhar. Jekk kien hemm informazzjoni li ma ghandniex ovvjament ma stajniex nehduha in konsiderazzjoni. Dr. Robert Attard: Jigifieri nghid sew illi l-asserzjoni tieghek illi l-akkrexximent gara bejn is-sena 1997 u s-sena 2005 u mhux is-sena 1990 u s-sena 1997 huwa bbazat fuq bilanc ta' probabilità u mhux beyond reasonable doubt. Nghid sewwa? Xhud:Id-dipartiment qatt ma jkollu informazzjoni shiha u kompluta dwar il-posizzjoni tar-rikorrent ghax dik jafha hu, mela mija fil-mija d-dipartiment qatt ma jkollu. Id-dipartiment jimxi fuq l-informazzjoni li jkollu u li jipprovdilu r-Rikorrent. Dr. Robert Attard: Jigifieri inti fil-kuxjenza tieghek ghax inti qed tixhed issa, ma tistax tghid beyond reasonable doubt l-akkrexximent ma okkorriex bejn is-sena 1990 u s-sena 1997. Taqbel mieghi beyond reasonable doubt? L-ewwel konna qeghdin nghidu mija fil-mija u tiftakar x'ghedt? Xhud: Le, mija fil-meija d-dipartiment ma jistax ikun jaf. Dr. Robert Attard: Mija fil-mija beyond reasonable doubt. Jigifieri beyond reasonable doubt teskludi li l-akkrexximent gara bejn is-sena 1990 u s-sena 1997? Xhud: Ma nistax neskludiha ghaliex jiena ma nafx ir-Rikorrent x'kellu. Li naf hu l-figuri li tana hu u li tana l-accountant tieghu. Dik biss nista' nghid jien. Dr. Robert Attard: Jigifieri l-konkluzzjonijiet tieghek huma bazati fuq bilanc ta' probabiltajiet? Xhud: Ma nahsibx li qisna probabilità, qisna x'tana r-Rikorrent li ma qaghdniex nghid xi probabilità hi li hadd ma dahal fil-probabilità imma bqajna fuq li qalilna hu u fuq li qalilna l-accountant tieghu*[21].

L-iskop tar-Rikorrent wara din is-serje ta' domandi hareg car waqt it-trattazzjoni orali fejn u meta saret referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angelo Zahra v. L-Onor. Prim' Ministru et, Appell Nru. 33/13** deciza fid-29 ta' Mejju 2015, f'liema sentenza gie

[21] Kontro-ezami ta' Carmel Gatt waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2017.

osservat *inter alia* li *hemm certu kazijiet fejn il-multa amminsitrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severità taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*. Gie sottomess ghalhekk li l-garanziji sanciti fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghandhom japplikaw fil-kaz in ezami u b'hekk ikun hemm il-presunzjoni ta' l-innocenza a favur ir-Rikorrent. Din is-sottomissjoni twassal ghall-konkluzzjoni logika li skond ir-Rikorrent sabiex l-appell tieghu fil-konfront tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi milqugh, ma huwiex hu li jrid jipprova li dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa hija eccessiva izda huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jipprova li l-*Capital Accretion Exercise* mahdum fir-rigward tar-Rikorrent huwa, kif mahdum, minghajr, dubju ragonevoli, korrett.

It-Tribunal però ma jqisx li t-tattika adottata mir-Rikorrent, hekk kif minnu adottata, hija guridikament u fattwalment gustifikata.

Huwa principju assodat in materja ta' grad ta' prova fil-kamp kriminali – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dan huwa l-grad ta' prova issa invokat mir-Rikorrent – li r-reat ta' l-imputat trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubju dettat minn raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Ebejer**, deciza fid-9 ta' Dicembru 1997, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li *dan il-principju jfisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak* ***il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni***[22]*. B'hekk dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni*. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning: ***Proof beyond reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a mad as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice***[23].

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u wara li kkunsidra bir-reqqa l-provi kollha prodotti, it-Tribunal huwa moralment konvint li kif konkluz u determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent sehh l-iktar tul is-snin ta' stima 2000 sa' 2006 u li dan l-akkrexximent ma kienx kopert mill-Investment Registration Scheme.

[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Miller v. Minister of Pension, 1974 – ALL ER 372. Enfasi.

Difficilment jista' jigi konkluz mod iehor meta mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car u inekwivolu li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal ghal din il-konkluzzjoni, ossia li l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent sehh l-iktar tul is-snin ta' stima 2000 sa' 2006, in bazi ghad-dokumenti w informazzjoni provduta lilu mir-Rikorrent stess u/jew mill-*accountant* tieghu.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll illi r-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità. Jekk b'dan l-aggravju r-Rikorrent qed jattakka b'mod dirett il-provvedimenti tal-Ligi minn liema tirrizulta l-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali u imghax f'kaz ta' ommissjoni mill-prospett/i tat-taxxa ta' xi ammont li jkun messu gie inkluz f'dak il-prospett/i tat-taxxa[24] u f'kaz ta' hlas tardiv tat-taxxa dovuta[25], jew li dawn il-provvedimenti tal-Ligi huma lezivi tad-drittijiet fondamentali tieghu, allura dan it-Tribunal ma huwiex il-*forum* kompetenti biex jiddetermina tali aggravju. Anke jekk però r-Rikorrent qed jitlob semplici konsiderazzjoni jew ri-konsiderazzjoni da parte tat-Tribunal tat-taxxa addizzjonali w imghax imposti fuqu, it-Tribunal ma jistax jintervjeni b'mod dirett u dana billi l-Ligi stess – senjatament fl-Artikolu 56(12)(c) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 44(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda taxxa addizzjonali u fl-Artikolu 44(2D) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-imghax – tipprovdi rimedju fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi jista' jahfer ta' l-inqas parti mit-taxxa addizzjonali u/jew imghax hekk impost fuq it-*taxpayer*. Fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi it-Tribunal jaghmel rakkomandazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jikkonsidra l-kaz in ezami fid-dawl ta' dak hemm provdut ghall-fini li jiddetermina jekk hemmx lok ghall-mahfra, imqar in parte, tat-taxxa addizzjonali u/jew imghax imposti fuq ir-Rikorrent.

Nonostante dan kollu appena osservat u kif ormai jinsab affermat fil-gurisprudenza in materja fiskali, it-Tribunal jista' però jintervjeni fir-rigward ta' l-imghax li jibqa' jiddekorri fuq it-*taxpayer* anke tul is-smigh ta' appell minn Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu. Fil-kaz in ezami t-Tribunal iqis li ebda imghax ma ghandu jiddekorri fuq it-taxxa dovuta mir-Rikorrent tul il-perijodu bejn it-**22 ta' Frar 2016** – li kienet l-ewwel data ffissata mit-Tribunal ghall-ghoti tas-sentenza f'dan il-kaz – u d-data ta' din is-sentenza, ossia t-**23 ta' Novembru 2017**, u dana billi t-trapass ta' zmien tul dan il-perijodu certament ma ghandux jimpingi b'mod negattiv fuq l-istess Rikorrent.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ma huwiex, salv ghal dak osservat dwar l-imghax dekoribbli bejn it-22 ta' Frar 2016 u 23 ta' Novembru 2017, gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

[24] Artikolu 56(12)(c) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 44(a) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.
[25] Artikolu 44(2A) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-ewwel aggravju tar-Rikorrent u jiddikjara li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma hijiex preskritta a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-mertu wkoll, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa, b'dana però li ebda imghax ma ghandu jiddekorri fuq it-taxxa dovuta mir-Rikorrent ghall-perijodu bejn it-22 ta' Frar 2016 u t-23 ta' Novembru 2017.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrent li minn issa qed jigi infurmat bid-dritt tieghu ta' appell fuq punt ta' ligi biss entro ghoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**